**29 ta' Marzu, 1985**

**Imħallfin:-**

**Onor. Wallace Philip Gulia LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A. (Admin.) (Manch.), D.P.A. (Lond.) - President**
**Onor. Stephen Borg Cardona B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

L-E.T. Rev.mu Monsinjur Arċisqof Giuseppe Mercieca personalment u bħala Arċisqof ta' Malta u Metropolita tal-Provinċja Ekklesjastika Maltija u bħala Awtorità Ekklesjastika responsabbli ta' l-iskejjel kollha tal-Knisja għan-nom u in rappreżentanza tal-Knisja Kattolika f'Malta

*versus*

L-Onorevoli Prim Ministru, in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta, l-ewwel intimat, u l-Onorevoli Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru ta' l-Edukazzjoni, it-tieni intimat

**Xhud - Domanda - Rilevanza - Prova - Ordni Pubbliku - Qorti ta' Prim'Istanza - Qorti ta' Appell - Diskrezzjoni**

*Fil-kors tat-trattazzjoni ta' kawża dwar l-iskejjel tal-Knisja xhud ġie mistoqsi biex jiddikjara xi proprjetà kellhom dawk l-entijiet li kellhom skejjel ġestiti minnhom. Il-Prim'Awla ma ppermettietx din id-domanda għax irrilevanti. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Il-Qorti osservat li-d-diskrezzjoni ta' Qorti ta' Prim'Istanza dwar id-domandi li tkun trid tippermetti ma għandhiex tiġi faċilment disturbata. Inoltre osservat wkoll li l-kwistjoni tal-proprjetà kienet kompletament irrilevanti għall-kwistjoni tad-dritt ta' enti eklesjastiċi li jiġġestixxu skejjel.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ippreżentat quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih ir-rikorrent l-E.T. Rev.mu Monsinjur Arċisqof Giuseppe Mercieca *proprio et nomine*, għar-raġunijiet dettaljatament imsemmija fl-imsemmi rikors, allega li l-Att

Numru IX ta' l-1984 kif ukoll il-kondizzjonijiet ta' liċenza dwar xi skejjel tal-Knisja msemmija fl-istess rikors, li t-tieni intimat, l-Onorevoli Deputat Prim Ministru Anzjar u Ministru ta' l-Edukazzjoni ried jimponi, kemm weħidhom kif ukoll kumulativament jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fondamentali protetti mill-Kostituzzjoni u ċjoè mill-Artikolu 41 (Dritt tal-Libertà tal-Kuxjenza u Qima), mill-Artikolu 39 (Protezzjoni għall-intimità tad-Dar jew Proprjetà oħra), mill-Artikolu 38 (Protezzjoni minn Privazzjoni ta' Proprjetà bla kumpens), u għalhekk talab li dik l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa biex twettaq u tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fondamentali fuq imsemmija, fosthom illi tannulla l-Artikoli 2 u 4 ta' l-Att IX ta' l-1984 u l-kondizzjonijiet u ħtiġijiet annessi mal-liċenzi offerti li t-tmien skejjel tal-Knisja (Dok. C) bħala ripunjanti għad-drittijiet fondamentali protetti mill-Kostituzzjoni, bl-ispejjeż;

Rat illi l-appellanti għar-raġunijiet imsemmija fir-risposta tagħhom oltre eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, fil-mertu ċaħdu li kien hemm xi ksur di fronte r-rikorrent Monsinjur Arċisqof ta' l-artikoli tal-Kostituzzjoni minnu msemmija;

Rat illi fl-udjenza miżmuma mill-ewwel Onorabbli Qorti fil-5 ta' Novembru, 1984, l-intimat l-Onorevoli Dottor Carmelo Mifsud Bonnici pproduċa bħala xhud tiegħu lir-rikorrent appellat u fil-kors tad-deposizzjoni tiegħu għamillu d-domanda: "X'ġid għandha l-Knisja?" Id-difensuri tar-rikorrent opponew li ssir din id-domanda għax irritenew li m'għandhiex issir lir-rikorrent personalment, għaliex ma kenitx rilevanti għall-finijiet tal-kawża u ġà kienu ġew prodotti l- '*audited accounts*' ta' l-arċidjoċesi debitament iċċertifikati:

Rat id-deċiżjoni mogħtija mill-ewwel Qorti fl-istess data li biha laqgħet l-opposizzjoni għall-imsemmija domanda bl-ispejjeż riservati għall-ġudizzju finali - wara li kkunsidrat:

Illi ż-żewġ partijiet ġibdu l-attenzjoni tal-Qorti għad-digriet minnha mogħti fl-24 ta' Awissu, 1984 (fol. 121 tal-proċess), sebbene minn angolu differenti. Fil-konsiderazzjoni tagħha f'dak id-digriet, il-Qorti kienet osservat hekk: "Ma jidhirx li hemm kuntrast bejn il-partijiet dwar ir-rilevanza għall-kontijiet għall-kwistjoni fil-kawża, tant li r-rikorrent ipproduċa l-'*aggregate accounts*' ta' l-Enti Djoċesani u dawk ta' l-Enti Reliġjużi, fil-waqt li l-intimati qed jitolbu li jinġiebu wkoll il-kontijiet separati tad-diversi entijiet'';

Issa d-domanda ta' l-intimat tidher li hija diretta lejn "il-ġid kollu'' jew "l-assets'' tal-Knisja b'distinzjoni tar-reditti li jirrendu l-istess "assets''; u dawn wieħed jifhem li jinkludi l-beni mmobbli kollha, kif ukoll dawk mobbli bħalma huma depożiti bankarji, flus u tant gandlieri, pjaneti u attrezzar ieħor għall-armar tal-knejjes;

Issa t-talba tar-rikorrenti hija fis-sens li ċertu disposizzjonijiet ta' l-Att Nru. IX ta' l-1984 li jemendu l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni u l-kundizzjonijiet tal-liċenżi proposti mill-Gvern għat-tmexxija ta' xi wħud mill-iskejjel tal-Knisja jivvjolaw ċerti drittijiet fondamentali tar-rikorrenti *proprio et nomine* kwantu dawn huma kkonferiti fuqu mill-Kostituzzjoni; u dan għar-raġuni li l-miżuri ddettati fil-liċenzi proposti, prinċipalment dik li ma jistgħux jiġu mitluba miżati, mingħajr finanzjament alternattiv, ser iġġib għall-għeluq ta' l-iskejjel tal-Knisja;

Kwindi li hu involut fil-kawża huwa jekk in-nuqqas ta' miżati (apparti kondizzjonijiet oħrajn proposti fil-liċenżi) iġibx għall-għeluq ta' l-iskejjel tal-Knisja, bil-konsegwenti ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti *proprio et nomine.* Mela *se mai* l-Qorti għandha tara biss, fl-aħjar ipotesi għat-teżi ta' l-intimati, jekk il-Knisja għandhiex il-"mezzi" biex jagħmlu tajjeb għall-finanzjament flok il-miżati għall-gestjoni ta' l-Iskejjel, u dan normalment f'ċirkostanzi bħal dawk in eżami, jiġifieri ġestjoni ta' skejjel, għandu jittieħed fis-sens ta' "*current assets*" u mhux ukoll il- "*fixed assets*" li jkunu qed jiġġeneraw dawk ta' l-ewwel;

Għalhekk il-mistoqsija ta' l-intimat hija ġenerika wisq u ma tistax issir kif inhi;

Rat illi fl-istess udjenza tal-5 ta' Novembru, l-intimat, l-Onorevoli Dottor Carmelo Mifsud Bonnici talab lir-rikorrent, li kien qed jixhed, biex jipproduċi l-"accounts" separati ta' l-entijiet li l-introjtu tagħhom kienu inklużi fl-"aggregated accounts" esibiti fil-proċess;

Rat li d-difensuri tar-rikorrent opponew ruħhom għall-produzzjoni ta' dawn id-dokumenti u l-ewwel Onorabbli Qorti fl-istess udjenza, laqgħet din l-oppożizzjoni billi rriteniethom superfluwi kif kien diġà deċiż bid-digriet tagħha ta' l-24 ta' Awissu, 1984;

Rat l-imsemmi digriet mogħti mill-Qorti ta' l-ewwel grad, fl-24 ta' Awissu, 1984;

Rat li l-intimati ħassew ruħhom aggravati biż-żewġ digrieti ta' l-ewwel Qorti li ngħataw fis-seduta tal-5 ta' Novembru, 1984 u interponew appell minnhom b'żewġ rikorsi ppreżentati fis-7 ta' Novembru, 1984;

Rat illi fl-ewwel rikors ta' appell tagħhom l-intimati talbu li għar-raġunijiet li ssemmew din il-qorti jogħġobha *tirrevoka* l-imsemmija diċiżjoni ta' l-ewwel Qorti u minflok tiddikjara illi l-mistoqsija "X'ġid għandha l-Knisja?" li l-intimati appellanti għamlu kienet ammissibbli;

Rat illi fir-rikors l-ieħor tagħhom l-intimati għar-raġunijiet li ndikaw, talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka l-imsemmija deċiżjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti u minflok tammetti t-talba ta' l-intimati appellanti għall-produzzjoni tal-kontijiet separati ta' l-entijiet li l-introjtu tagħhom kien inkluż fl- "aggregated accounts";

Rat illi r-rikorrent appellat b'żewġ risposti separati pprezentati fid-9 ta' Novembru, 1984, għar-raġunijiet esposti fl-istess risposti, talab li ż-żewġ digrieti msemmija ta' l-ewwel Onorabbli Qorti jiġu kkonfermati;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni orali ta' l-abbli difensuri tal-kontendenti;

Ikkunsidrat:

Illi din l-Qorti jidhrilha li għandha tagħti sentenza waħda fuq iż-żewġ appelli li għandha quddiemha biex jiġu evitati ripetizzjonijiet inutli stante l-konċessjoni evidenti u stretta bejn il-mertu taż-żewġ appelli;

Illi l-aggravju ta' l-appelanti fiż-żewġ appelli huma bażikament li fil-fehma tagħhom id-digrieti appellati jammontaw għal ċaħda tad-dritt li jagħmlu prova rilevanti u ammissibbli. Huma jsostnu li l-kwisjtoni tal-mezzi tal-Knisja kienet imqajma

mir-rikorrent appellat stess u l-appellanti jidhrilhom li huma għandu jkollhom ukoll id-dritt li jipproduċu kull prova li tista' titfa' dawl fuq il-mezzi kollha tal-Knisja jew li tista' sservi biex twaqqa' l-prova li ressaq l-appellat dwar il-mezzi tal-Knisja Kattolika f'Malta;

Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tat-tribunali tagħna illi Qorti tat-tieni grad bħala regola ma tiddisturbax id-diskrezzjoni li tgawdi l-Qorti ta' l-ewwel grad fir-regolament tal-provi, jekk mhux għal motivi gravi. Dan il-prinċipju kien rijaffermat ukoll minn din il-Qorti kif ikkostitwita llum fiż-żewġ deċiżjonijiet li tat f'din il-kawża fid-29 ta' Ottubru, 1984;

Illi f'materja ta' rilevanza ta' provi huwa assolutament meħtieġ li l-iskopijiet tal-kawża kif esposti fil-kawżali u l-motivazzjoni kkontenuta fl-att promotorju tal-ġudizzju u l-kontestazzjoni konsegwenzjali jinżammu kostantement *in vista* biex il-kawża titmexxa fuq binarju ġust kif jirrikjedi tassattivament il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Il-qofol tal-kwistjonijiet devoluti lill-ewwel Onorabbli Qorti hu eżattament jekk id-drittijiet fondamentali protetti mill-artikoli 41, 42, 39, 46 u 38 tal-Kostituzzjoni (Protezzjoni ta' Libertà ta' Kuxjenza u Qima, Protezzjoni ta' Libertà ta' Espressjoni, Protezzjoni għall-Intimità tad-Dar jew Proprjetà Oħra, Protezzjoni minn Diskriminazzjoni u Protezzjoni minn Privazzjoni ta' Proprjetà bla kumpens) ġewx miksura fil-konfront tar-rikorrent appellat bl-Att Nru. IX ta' l-1984 (Li jemenda l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni) kif ukoll bil-kondizzjonijiet ta' liċenza (kemm waħedhom kif ukoll kumulattivament) li nħarġu fil-konfront ta' ċerti skejjel tal-Knisja Kattolika f'Malta. Mill-banda l-oħra, l-intimati appellanti jsostnu (apparti eċċezzjonijiet ta' natura proċedurali li bl-ebda mod ma sar xi ksur di fronte

tar-rikorrent appellat tad-drittijiet fondamentali invokati mill-istess rikorrent;

Illi huwa risaput illi f'dan l-istadju tal-proċeduri, din il-Qorti għandha taħrab kemm jista' jkun milli tesponi kwalunkwe veduti li b'xi mod jistgħu jippreġudikaw il-mertu li għadu quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti. Min-naħa l-oħra, però, din il-Qorti lanqas ma tista' tonqos li tiddeċidi l-kwistjonijiet li ġew devoluti lilha f'dan l-istadju. Dan he aspett ferm u ferm delikat iżda la darba din il-Qorti hija msejħa biex tiddeċidi jekk il-ġid materjali tal-Knisja Kattolika f'Malta, l-entità tiegħu u kif għandha ssir il-prova tiegħu humiex fatti u aspetti rilevanti jew superfluwi għall-finijiet tal-kawża, din il-Qorti m'għandha l-ebda triq oħra għajr li tippronunzja ruħha fuq dawn il-punti, naturalment b'mod mill-aktar kawt biex tħalli l-mertu għal kollox impreġudikat;

Ikkunsidrat:

Illi minn eżami tal-proċess jidher li l-ewwel Onorabbli Qorti donnha assumiet ir-rilevanza ta' ċerti provi li tressqu dwar il-mezzi materjali tal-Knisja. Infatti hekk esprimiet ruħha fid-digriet tagħha tal-24 ta' Awissu, 1984:

"Ma jidhirx li hemm kuntrast bejn il-partijiet dwar ir-rilevanza tal-kontijiet għall-kwistjoni fil-kawża. Tant li r-rikorrent ipproduċa l- "aggregated accounts" ta' l-enti Djoċesani u dawk ta' l-enti reliġjuzi, fil-waqt li l-intimati qed jitolbu li jinġiebu wkoll il-kontijiet separati tad-diversi entijiet;"

Imbagħad, fid-digriet appellat, cjoè dak tal-5 ta' Novembru, 1984, żiedet tgħid hekk:

"Kwindi li hu involut fil-kawża huwa jekk in-nuqqas ta' miżati (apparti kondizzjonijiet oħrajn proposti fil-liċenżi) iġibux għall-għeluq ta' l-iskejjel tal-Knisja, bil-konsegwenti ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti *proprio et nomine.* Meta se mai il-Qorti għandha tara biss, fl-aħjar ipotesi tat-teżi ta' l-intimati, jekk il-Knisja għandhiex il- "mezzi" biex jagħmlu tajjeb bħala finanzjament flok il-miżati għall-ġestjoni ta' l-iskejjel. . . ."

Ikkunsidrat:

Illi wara li ħasbet ħafna u fit-tul fuq din il-kwistjoni, din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-atteġġjament li ħadu l-kontendenti f'din il-kawża wassal biex żvija l-ewwel Onorabbli Qorti. Infatti, jidher li dik il-Qorti ma kenitx konvinta b'mod assolut mir-rilevanza tal-provi dwar il-ġid materjali tal-Knisja, u dan jispjega għaliex l-ewwel Qorti użat il-frażijiet "*se mai*" u "fl-aħjar ipotesi għat-teżi ta' l-intimati" fl-aħħar bran iċċitat. Jidher ukoll mill-ewwel bran iċċitat li l-ewwel Qorti ammettiet li jsiru ċerti provi dwar il-mezzi tal-Knisja għaliex kien qed jidher li ż-żewġ partijiet fil-kawża kienu donnhom qed jaqblu bejniethom li almenu parti mill-istess provi kienu rilevanti għall-finijiet tal-kawża. Fil-fehma kkonsiderata ta' din il-Qorti, però, il-kwistjoni dwar l-entità jew l-estensjoni tal-ġid materjali tal-Knisja hi aspett superfluwu għall-finijiet tal-kawża li hi waħda li tittratta unikament dwar allegat ksur ta' ċerti drittijiet fondamentali protetti mill-Kostiuzzjoni;

Jidher ċar u manifest illi fil-proċess ta' aċċertament jekk hemmx jew le xi ksur ta' xi dritt fondamentali jkun eżerċizzju ġeneralment superfluwu u irrilevanti li jkun stabbilit il-*quantum* tal-ġid materjali possedut mill-persuna li tkun qiegħda tallega l-ksur tad-dritt imsemmi. Għaliex dawn id-drittijiet u libertajiet

fondamentali protetti fil-kapitolu IV tal-Kostituzzjoni huma mogħtija lil kulħadd bla ebda distinzjoni jew diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġid. Għalhekk huma mogħtija ndaqs lill-għani u kemm lill-fqir, kemm lil min għandu l-mezzi materjali u kemm lil min m'għandux. Isegwi li min jallega ksur ta' xi wieħed mid-drittijiet fondamentali msemmija, u f'kawża, jitlob ir-rimedju opportun mill-Qorti, m'għandux għalfejn jipprova li hu nieqes mill-mezzi, peress li tali prova hi rrilevanti, għax il-Kostituzzjoni ma ssemmi l-ebda limitazzjoni f'dan is-sens. Mill-banda l-oħra dak li hu rilevanti li jkun ippruvat hu li hu għandu verament id-dritt li jippretendi li tagħtih il-Kostituzzjoni u li dan id-dritt ikun ġie, qed jiġi, jew ikun x'aktarx ser jiġi miksur. Il-limitazzjonijiet (fis-sens ta' l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni) għall-imsemmija drittijiet fondamentali jissemmew fil-Kostitzzjoni stess u ma hux permess għal xi parti jew għaż-żewġ partijiet fil-kawża li jressqu l-provi dwar xi limitazzjoni li l-Kostituzzjoni stess ma ssemmix;

Dan qiegħed jingħad għax fil-fehma kkonsiderata ta' din il-Qorti l-partijiet f'kawża ma jistgħux bi qbil taċitu jew espress bejniethom jaqblu u jagħmlu rilevanti dak li altrimenti m'huwiex intrinsikament rilevanti. L-uniċi provi li huma ammissibbli u permessi li jsiru f'kawża huma l-provi li jkunu "rilevanti għall-kwistjoni **fil-kawża** bejn il-partijiet" (art. 557 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Inotre, hu esspressament impost fuq il-Qorti li din għandha tiċħad li tinġieb kull prova. Dawn huma dispożizzjonijiet ta' ordni pubbliku u ma jistgħux ikunu injorati la mill-partijiet u wisq inqas mill-Qorti. Anzi l-kontroll tal-Qorti f'dan ir-riqward huwa mhux biss salutari għall-prċediment iżda wkoll essenzjali għall-ordinament;

Ikkunsidrat:

Illi l-kwistjoni tal-***quantum*** tal-mezzi materjali tal-Knisja Kattolika f'Malta ma tidhirx l-anqas strettament rilevanti għall-motivazzjoni speċifika ta' l-appellat kontenuta fil-paragrafi 19, 23 u 26 tar-rikors promotorju ta' dan il-ġudizzju. F'dawn il-paragrafi, ir-rikorrent appellat isostni li d-dritt tiegħu fondamentali li hu jsejjaħ "tal-libertà reliġjuża" ġie vvjolat kemm bl-Att Nr. IX li jagħti lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni l-poter li jipprojbixxi kull miżata, rimunerazzjoni jew kumpens għat-tagħlim fl-iskejjel tal-Knisja, u kemm bil-kondizzjoni relattiva imposta fil-liċenza li nħarġet li r-rikorrent jallega li kienet intiża biex tinqered l-iskola kattolika "b'asfissija finanzjarja" u "bi proċess ta' falliment inevitabbli". Din l-allegazzjoni ġiet ikkontestata fir-risposta ta' l-intimati appellanti sostanzjalment għaliex ġie sottomess hekk f'paragrafu 4:

"ir-rikorrent ipoġġi bħala kawżali bażi tat-talbiet tiegħu l-argumentazzjoni erronea illi fid-dritt tal-libertà tal-kuxjenza u kult jirrijentra wkoll id-dritt ta' Edukazzjoni. Meta taqa' dik il-bażi, jikkrollaw il-pretensjonijiet kollha kkontenuti fir-rikors bħala infondati;"

Jidher li minħabba n-natura tal-kontestazzjoni jkun irid jiġi deċiż fl-ewwel lok jekk fid-dritt fondmentali għal-libertà tal-kuxjenza u kult protett fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni kif jippretendi r-rikorrent appellat. F'każ ta' risposta negattiva din il-kwistjoni evidentement tisfa eżawrita hawn. F'każ ta' risposta affermattiva din il-Qorti, wara li ħasbet ħafna fuq il-kwistjoni, ma taqbilx li f'din il-kawża għandha ssir indaġini -

"Jekk il-Knisja għandhiex il-mezzi biex jagħmlu tajjeb bħala finanzjament flok il-miżata għall-ġestjoni ta' l-iskejjel", u dan għar-raġunijiet segwenti:

"Tali indaġini tkun teħtieġ li jkunu stabbiliti u stamati r-riżorsi kollha tal-Knisja u ***inter alia*** jkun meħtieġ li jkun iddeterminat kif l-istess riżorsi għandhom ikunu mqassma proporzjonatament bejn id-diversi attivitajiet fi ħdan il-Knisja. Evidentement indaġini komplessa u kkomplikata bħal din qatt ma tista' titħalla li ssir almenu f'din il-kawża għaliex din l-indaġini teżorbita mill-konfini stretti tal-kawża. Kif diġà ntqal din hi kawża dwar drittijiet fondamentali u la l-Kostituzzjoni ma timponi ebda limitazzjoni dwar ġid, kwalunkwe indaġini dwar il-ġid li tista' tippossjedi l-persuna li tallega l-vjolazzjoni hi indaġini superfluwa għall-kawża. Jekk id-dritt invokat minn din il-persuna jkun rikonoxxut bħala dritt fondamentali protett mill-Kostituzzjoni, fid-dawl ta' l-istess Kostituzzjoni, xejn ma hu permess li jfixkel jew addirittura jostakola l-eżerċizzju jew it-tgawdija ta' l-istess dritt. Il-kwistjoni tal-projbizzjoni ta' miżati għat-tagħlim fl-iskejjel tidher li għandha tkun eżaminata fid-dawl tal-prinċipji ġenerali involuti (li m'għandhomx ikunu ttraċċjati hawnhekk minn din il-Qorti tat-tieni grad) u mhux b'riferenza għall-***quantum*** tar-riżorsi li jista' jkollha f'xi zmien deteminat xi persuna partikolari li tallega l-vjolazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi mit-trattazzjoni li saret quddiem din il-Qorti tidher li d-difensuri ta' l-appellat illum huma konxji li l-provi li tressqu mill-appellat stess dwar il-ġid materjali tal-Knisja kienu strettament superfluwi għall-mertu li ried ikun deċiż f'din il-kawża. Intqal mid-difensuri tar-rikorrent li dan sar biex tintwera r-rieda tajba tal-Knisja. Però xorta waħda dawn il-kwalità ta' provi jibqgħu irrilevanti għall-kawża, għalkemm ma hux eskluż li l-kwistjoni tal-qagħda finanzjarja tal-Knisja tista' tkun rilevanti f'diskussjonijiet bejn il-kontendenti biex jintlaħaq arranġament

bonarju - tranżazzjoni li din il-Qorti tirrakkomanda u tawgura li tintlaħaq għas-sodisfazzjon ta' kullħadd;

Ikkunsidrat:

Illi in vista li din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-kwistjonijiet l-oħra relattivi u konnessi ma' dan l-istess ġid huma aspetti strettament irrilevanti u superfluwi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi, jidher ekwu u ġust li jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjeż;

Għal dawn il-motivi, u unikament fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad iż-żewġ appelli u, unikament fis-sens - imsemmi tikkonferma d-digrieti appellati - b'riżerva ta' kull dritt ieħor spettanti lill-kontendenti - l-ispejjeż kemm ta' l-ewwel u kemm ta' din il-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.